MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2007

Numru 591/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Andrew Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Andrew Bezzina detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 647582M, akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn nhar it-13 ta’ Lulju 2007 u l-14 ta’ Lulju 2007 waqt li kien gewwa ‘Splash and Fun Park’ limiti ta’ Bahar ic-Caghaq/Gharghur ikkommetta serq ta’ basket, accessorji, flejjes, credit cards u oggetti ohra u cioe’ ghad-dannu ta’ Ivana Restall minn Pembroke liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont, u dan ai terminu tal-Artikolu 261, 267, 270 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi kif ukoll gewwa l-Hamrun u cioe' fi Triq il-Kbira San Guzepp, u kif ukoll fi Triq San Vincenz il-Hamrun xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' l-oggetti imsemmija fl-ewwel akkuzi a detriment tal-istess persuna imsemmija kif ukoll tal-HSBC Bank PLC Ltd u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess hinijiet u taht l-istess cirkostanzi gewwa l-Hamrun kif indikat fit-tieni akkuza wara li kien gia kkundannat u nstab hati ghal serq f'Malta jew ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu oggetti ohra li ma humiex tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodifacjenti ta' kif kienu gew legittimament fil-pussess tieghu u dan ai terminu tal-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkommetta reat waqt li kien qeghed iservi operat ta' sentenza sospiza, sentenza moghtija nhar l-14 ta' Settembru 2005 mill-Magistrat Saviour Demicoli LL.D. liema sentenza daret definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai terminu tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:
Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi dedotti.

Rat l-Artikolu 261(c)(f), 267, 270, 279, 280(1), 28B tal-Kap 9 u tiddeciedi li tbiddel l-ordni originali tas-sentenza sos0piza gravnati fuq l-imputat bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Settembru, 2005 billi minflokk il-perjodu operattiv hemm specifikat tipprefiggi terminu gdid ta' erba' snin mill-lum.

Tikkundannah ihallas il-parti leza Ivana Restall Lm50.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu naxxenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------